# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 24 ta' Frar, 2016

**Talba Nru: 897/2015 DMA**

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**Vs**

**Simon Estates (Naxxar) Limited**
**(C 35740)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn u hamsin ewro u hmistax-il centezmu (€952.15) liema ammont huwa in konnesjsoni ma' diversi ta' kommunikazzjoni b'diversi akkonti moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

Dok A – elenku;

Dok B – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji;

Dok SAM1 u Dok SAM2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C 50559784;

Dok SAM3 u Dok SAM4 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C 50559771;

Dok SAM5 u Dok SAM6 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C 50562840;

Dok SAM7 u Dok SAM8 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C50562842;

Dok SAM9 u Dok SAM10 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C50559754.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir  din il-kawa.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fid-9 ta' Dicembru, 2015 fejn eccepiet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda. F'kull kaz l-ammont mitlub mhux dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal semgha rapprezentant tas-socjeta' attrici u lil Simon Debono jixhdu dwar dan il-kaz.

Simon Debono spjega illi huwa kien waqqaf is-servizzi billi nforma lis-socjeta' attrici biex item dan is-servizz tant li rritorna s-sim cards. Dan jidher ukoll filfatt ukoll filfatt illi ma saru ebda calls u l-ammont mitlub huwa biss ta' kera hlief ghal xi ftit istanzi partikolari.

Inoltre tqajmet il-kwistjoni illi l-kuntratt sar fuq SAM Estates Naxxar Ltd kif jirrizulta a fol 6 tal-process mentri l-kawza infethett fuq Simon Estates. Simon Estates zgur ma ghandha l-ebda konnessjoni ma dawn il-kontijiet. Li kieku l-kawza nfethet fuq Simon Debono nnifsu peress illi iffirma s-subscription order form allura l-affarijiet kienu jkunu differenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax isib lis-socjeta' konvenuta hatja biex thallas kontijiet li ma ffirmarx ghalihom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**